MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1509/2001/1

**Sybil *sive* Sibyel Buhagiar**

**vs**

**Emmanuel Green**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fit-23 ta' Mejju 1999 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. “SB 1”;

Illi l-kontendenti sseparaw legalment permess ta' kuntratt datat tlieta (3) ta' Awissu 2000 (atti Nutar Dr. John Patrick Hayman) (Dok “SB 2”);

Illi l-kontendenti m' ghandhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u / jew b'anomalija psikologika serja li ghamilha mpossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet hu null u nvalidu fil-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-23 ta' Mejju 1999 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbali tas-6 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tibda tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tat-18 ta’ April 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta’ Mejju 2002 a fol. 18 fejn gie eccepit:-

(1) Illi ghalkemm hemm lok li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti jigi dikjarat null, dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-eccipjenti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Emmanuel Green a fol. 21 fejn eccepixxa bir-rispett:-

Illi l-kunsens ta’ l-eccipjenti kien inkiseb b’qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-attrici li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19(1)(c) u / jew (d) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;**

Illi l-istess konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Mejju 1999 huwa null u bla effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata kull wiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 30 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota tal-attrici datata 8 ta’ Lulju 2002 li permezz taghha l-affidavit taghha u ohrajn tal-genituri taghha.

Rat in-nota tal-konvenut tal-1 ta' Ottubru 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess u hamsa ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** fl-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Nghid li jiena ltqajt mal-konvenut fuq il-post tax-xoghol. Dak iz-zmien ahna t-tnejn konna nahdmu l-Mc Donalds u jiena kont il-manager tieghu. Jiena u l-konvenut ma bdejniex nohorgu flimken mall-ewwel. Fil-fatt nibtet hbiberija bejnietna u f'dak iz-zmien jiena kont diga' bdejt immur id-dar tieghu. Wara ftit xhur nafu lil xulxin bdejna nohorgu flimkien bhala namrati.*

*Nghid li wara ftit xhur nohorgu flimkien bhala namrati l-konvenut beda' jghaggel u jheggeg biex nizzewwgu mill-aktar fis. Fil-fatt wara xi disa' (9) xhur nohorgu flimkien konnha hadna l-engagement. L-engagement konnha hadnih f'Dicembru 1997. Wara ftit tax-xhur li ghamilna l-engagement bdejna nippreparaw sabiex nizzewgu.*

*Id-dar matrimonjali kont xtrajtha jiena personalment bil-flus li kienu tawni l-familja tieghi. Il-post kont xtrajtu ftit xhur qabel it-tieg. Ghall-ewwel Emmanuel, il-konvenut ma qabilx li l-post jinxtara fuq ismi biss. Ir-raguni li kien jaghti kien li jekk jigri xi haga fir-relazzjoni ta bejniena lilu ma jibqaghlu xejn.*

*Nghid li dejjem kien hemm din il-kwistjoni bejnietna li jekk jigi biex jinqala' xi haga wara li nizzewgu kellu jkun hemm metodu kif kellhom jinqasmu l-affarijiet. Dawn l-argumenti kienu jsiru kemm wagt l-gherusija kif ukoll wara z-zwieg.*

*Il-konvenut qatt ma ried jaghmel xejn fil-post li xtrajt sabiex inkunu nistghu nghixu fih fiz-zwieg. Nghid li l-konvenut qatt ma wera nteress fil-post, il-ftit li ghamel kien ghamlu ghax ta' bilfors.*

*Meta zzewwigna l-post kien ghadu mhux lest u ahna ghamilna xi tmien (8) xhur noqghodu mal-genituri tieghi wara li zzewwigna.*

*Nghid li llum-il gurnata ma nafx ghaliex izzewwigna daqshekk malajr. Meta zzewwigt jiena ma kontx naghti kaz x'konsegwenzi seta jkun hemm bil-pass li kont ser niehu. Ahna ghaggilna fiz-zwieg minghajr ma hsibna fuq il-konsegwenzi li kien ser ikollu.*

*Missier il-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Ngliza u ommu Maltija.*

*Nghid li Emmanuel kien jibza' hafna minn missieru. Tfulitu ma kienitx stabbli fis-sens li meta kien ghadu zghir il-familja tieghu kienu daru d-dinja u dan peress li missieru kien fl-armata u minhabba f'hekk kienu jsiefru ta' spiss. Ghamlu sitt snin jghixu l-Germanja, ghexu ukoll ic-Cina u Gibilta'. Huma kienu ilhom xi hamsa/sitt snin jghixu Malta qabel ma ltqajt mieghu jiena. Il-konvenut kien qalli li hu qatt ma kien hassu ssetiljat imkien.*

*Missieru kien bniedem tal-punt hafna u wliedu u sahansitra ommu kienu jibzghu hafna minnu. Mill-banda l-ohra ommu kienet mara pjuttost kwieta. Emmanuel kien jghidlu li hu kien ihoss li huh kien aktar preferut minnu. Il-konvenut kien jghidli li kien ta' din l-opinjoni peress li hu dejjem kien jahdem, filwaqt li huh qatt ma hadem u kien ihoss li huh kien preferut minn missieru. Per ezempju missieru kien qal lil huh li jekk meta jispicca mill-Universita' u ma jahdimx mal-ewwel jista' jitlaq 'il barra mid-dar. Emmanuel kien ta' l-opinjoni li dawn kienu kliem biss u li missieru ma kienx ser izomm kelmtu. Fil-fatt missieru ma kienx zamm kelmtu. Min-naha l-ohra Emmanuel kien ihoss li hu m'ghandu ebda' ghazla ohra ghajr li jahdem ta' bilfors.*

*Il-konvenut meta kien ghadu jghix ghand ommu kien jaghmel hafna facendi fid-dar pero' meta zzewwigna hu qatt ma ghamel xejn biex jghin fid-dar. Nahseb li d-dar tal-ġenituri tieghu kien jaghmilhom sforz kemm kien jisfurzah missieru.*

*Wara li zzewigna ahna ghamilna tmien xhur nghixu d-dar tal-ġenituri tieghi. Hu ried li mmorru l-'flat' taghna malajr. Nispjega li l-'flat' li xtrajt kien jinstab fl-istess blokk ta' appartamenti fejn joqghodu l-ġenituri tieghi. Kien il-konvenut stess li qabel iz-zwieg kien jghid lil ommi biex izzomna maghha.*

*Nghid li waqt l-gherusija l-konvenut kien dejjem jorqod ghandna.*

*Missieru kien jixrob hafna. Niftakar li f'okkazjoni minnhom Emmanuel kien ghax-xoghol u spicca fl-ghaxra ta' filghaxija, cempel lil missieru biex imur ghalih mix-xoghol u ommu qaltlu li missieru ma setax imur ghalih peress li kien xorob hafna, fil-fatt kellu jmur ghalih missieri.*

*Nghid li meta kont nkun id-dar tieghu kont ninduna li missieru kien jintefa' quddiem it-'television' bil-flixkun tal-inbid f'idejh, wiehed jispicca u jiftah l-iehor.*

*Il-konvenut kien jaghmel kwazi kuljum jorqod id-dar tal-ġenituri tieghi. Hu kien jghidli li kien ihossu aktar komdu mal-familja tieghi u li kien ihossu aktar parti minn familja milli mal-familja tieghu stess.*

*Ftit granet qabel iz-zwieg kellna problema ghax ried jaghmel 'tattoo', jiena ma ridtux jaghmilha pero' hu ma tahx widen ghall-opinjoni tieghi. Konna iggilidna hafna fuqha.*

*Nghid li hu ma wriex lil missieru bit-'tattoo' ghax kien jibza minnu.*

*Wara li ahna zzewwigna missieru kien xtara karozza gdida u lil huh l-ewwel kien se jtih il-karozza qadima imma mbaghad spicca biex xtralu karozza 'second-hand' lil huh.*

*Nghid li hu kien hadha bi kbira u dan ghaliex missieru qatt ma fdalu l-karozza l-qadima tieghu u wisq anqas xtralu wahda kif ghamel lil huh.*

*L-aktar li bdejt niddejjaq fiz-zwieg kien fl-ahhar ta' Novembru 1999 meta kien beda jahdem go 'restaurant' M'Scala. Hu kien jahdem fil-ghaxija sitt ijiem fil-gimgha. Min-naha l-ohra jiena kelli hinijiet tal-ufficju normali. Prattikament ma konna niltaqghu xejn u ma kien hemm ebda komunikazzjoni bejnietna. Jiena kont nghidlu li ma jistax ikun nibqghu ghaddejjin f'din is-sitwazzjoni. Ghall-ewwel il-konvenut kien qalli biex nitlaq mix-xoghol imma jiena ma stajtx naghmel dan peress li ridt inhallas id-dejn fuq il-post. Kont spjegajtlu li kien ikun ahjar kieku hu jsib xoghol b'hinijiet ohra pero' hu kien qalli li mhux bi hsiebu jaghmel hekk ghaliex ghalih ix-xoghol kien importanti hafna.*

*Emmanuel kien ibghati b'IBS syndrome (Irritable Bowel Syndrome) meta kien jinkwieta fuq xi haga kienet taqbdu. Minhabba f'hekk kien ifalli hafna mix-xoghol. Wara li jghaddilu xorta kien jaghmel xi ftit granet id-dar. Jiena kont nghidlu li ser ikeccuh mix-xoghol u hu ma tantx kien jaghti kaz. F'dan il-post ta' xoghol il-gdid hu kien ihossu aktar komdu ghax il-koki l-ohrajn kienu Nglizi.*

*Wiehed mill-'cooks' l-ohra kien "on drugs" hu ghalhekk ix-xoghol kien jaqa' fuq Emmanuel. Mal-'Head Chef' kien haga wahda tant li meta telaq mid-dar mar joqghod id-dar tieghu. Sirt naf dan l-ahhar minghand habib tieghi, Joseph li kien jahdem hemm ukoll f'dak iz-zmien li Gary, l-'head chef' kien l-ewwel sfratta koppja ohra u mbaghad spicca biex sfratta lil Emmanuel ukoll.*

*Kellna hafna problemi fuq flus ghax ir-responsabilta' kienet taqa' fuqi. Mill-banda l-ohra hu ma kien responsabbli xejn, per ezempju meta jasal xi kont id-dar kien jinsa jghidli. Il-gurnata tieghu kien iqattaghha jilghab il-'Playstation', jara t-televizjoni, jorqod go sodda mqallba u dizorganizazzjoni kbira fil-kcina u fi hwejgu. Kien ukoll insista li ried kelba, pero' meta gibniha, il-kelba spiccat ghand ommi.*

*Il-konvenut kien jara z-zwieg bhala 'partners' jghixu flimkien u mhux rbit permanenti.*

*Wara sitt xhur mizzewgin konna ppruvajna ghat-tfal pero' jiena ma stajtx ninqabad tqila. Il-professur kien qalilna li ghadu kmieni. Meta morna naghmlu t-testijiet rrizulta li jiena kelli bzonn naghmel operazzjoni pero' jiena ma ridtx naghmel dan ma kienx iz-zmien it-tajjeb biex ikollna tfal u fl-ahhar ahna ddecidejna li ma naghmel xejn.*

*Lejn l-ahhar taz-zwieg kont cempilt lil ommu u ghedtilha li l-affarijiet marru ghal aghar. Hi nsistiet li mmorru flimkien ghandha biex nitkellmu. L-ghada sirt naf li ommu marret id-dar tieghi meta jiena kont ghax-xoghol.*

*Fiz-zwieg jiena hassejtni li zzewwigt ma' tifel u mhux ragel, inhoss li r-responsabbiltajiet taz-zwieg kienu fuqi.*

*Kelli kwistjoni maz-ziju tieghu Charles li kien fotografu u li gieli hadli xi ritratt. Il-konvenut kien jiddejjaq b'dan u kien jghir meta zijuh il-fotografu jirrangali xahri etc. Jiena xtaqt lil zijuh bhala fotografu ghat-tieg fil-waqt li hu ma riedux. Ridt ukoll li r-'reception' ssir r-Radisson. Niftakar li darba ghaddejt sad-dar ta' zitu, ghidtilha li ghamilna d-data tat-tieg u qaltli li r-ragel taghha bbukkjat ghal dakinhar. Emmanuel ried li nghidu lil xi haddiehor pero' jiena ma xtaqtx hekk. Jiena ppruvajt nibdlu d-data tat-tieg biex ikun jista' jiehu r-ritratti z-ziju tieghu. Imbaghad rrangajt maz-zija.*

*Darba missieru kien qalli "fuck you' jekk jitla' l-partit tieghi." Jiena kont hadtha bi kbira hafna.*

*Xi gimghatejn qabel ma telaq mid-dar kont cempiltlu r-'restaurant' f'xi l-12:30 a.m. u kienu qaluli li kien diga' spicca u ma kellimtux fuq it-telephone. Gie lura d-dar xi s-2:00 a.m. u kellna argument kbir fuq hekk. Dan kien jigri ta' spiss.*

*Jiena ghidtlu l-affarijiet iridu jinbidlu. Hu qalli naraw x'hemm u jinqasmu l-affarijiet. Jiena ssorprendieni ghax*

*ma kontx qed nistenna dik ir-reazzjoni. Hu kien jghidli li kont nissikkah jiena imma jien kont niddejjaq noqghod id-dar.*

*Kienu xi s-saghtejn ta' fil-ghodu (2:00 a.m.) u qalli li sejjer ghal mixja. Hareg mid-dar u rega' gie lura ghall-'wallet', wara xi kwarta li kien ilu barra cempilli u beda' jibki fuq it-telephone. Qalli mhux ser jigi lura d-dar, imma sejjer ghand Gary (il-'head chef'). Jiena m'ghidtlu xejn u hu telaq, Gary mar ghalih u hadu tas-Sliema. L-ghada gie d-dar ha l-uniformi tax-xoghol u mar ghax-xoghol. L-ghada, u cjoe' l-Hadd, cempilli u staqsejtu jekk huwiex ser jigi lura. Hu qalli li diga' dara f' din is-sitwazzjoni l-gdida. Hu qatt ma gie lura d-dar.*

*Meta zzewwigt jiena kelli erbgha u ghoxrin (24) sena filwaqt li hu kellu wiehed u ghoxrin (21) sena. B'kollox ghamilna sena nieqes hamest ijiem nghixu flimkien wara t-tieg".*

Illi **Doris Buhagiar** fl-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Nghid li jiena omm l-attrici Sibyel Buhagiar. Meta kienu ghandhom qed johorgu flimkien Emmanuel kien iqatta' hin aktar minn normal ghandna. Per ezempju, ta' sikwit Sibyel kienet iccempilli d-dar mix-xoghol u tistaqsini jekk kontx lestejtx l-ikel u biex nipprerara l-ikel ghal Emmanuel ukoll. Ukoll sikwit kienet tghidli li Emmanuel kien li ser jigi jorqod ghandna d-dar. Jiena kont naccetta li jorqod ghandna anke jekk jiena ma tantx kelli pjacir b'dan. Binti kienet tghidli ftit fuq is-sitwazzjoni familjari ta' Emmanuel. Kienet qaltli li dak iz-zmien huh ma kienx jahdem u lil Emmanuel jikkmandawh jahsel il-platti u jaghmel facendi ohra tad-dar. Ukoll il-konvenut ma tantx kien jingieb ma' missieru u jiena nahseb li hu xtaq ma jibqax jghix mal-genituri tieghu. Emmanuel kellu biza' kbira minn missieru. Missieru kien jghidlu "jekk ma joghgbokx itlaq!" Kien igib l-iskuzi biex ma jmurx id-dar tal-genituri tieghu.*

*Meta Sibyel u Emmanuel kien qed jitkellmu biex jizzewgu ahna konna noqghodu go 'two bedroom maisonette'. Darba minnhom Emmanuel kien gie jitlobni biex joqoghdu*

*maghna, kien ghamel idejh hekk ma' xulxin qisu qed jitlob u qalli "please zommni mieghek". Dakinhar kont wahdi gol-kcina u hu kien gie jkellimni wahdu ghax Sibyel kienet ma tiflahx gos-sodda taghha. Peress li jiena u r-ragel ma kellniex wisgha fejn inpogguhom, tkellimt mar-ragel u flimkien ddecidejna nixtru 'flat' b'aktar spazju gewwa Marsascala biex huma jkunu jistghu joqoghdu maghna. Fil-fatt wara li zzewgu huma damu 'il fuq minn sena joqoghdu maghna.*

*Wara z-zwieg Emmanuel inbidel kompletament, sar gisu bniedem iehor. Qabel iz-zwieg kien mans qisu tifel ta' seba' snin u kien juri hafna rispett kemm lejna kif ukoll lejn binti. Wara z-zwieg inbidel, ma baqax juri rispett lil hadd. Per ezempju, fil-ghodu jiena kont nistaqsih jekk riedx nippreparalu xi te jew laring u wara ftit it-tifla kienet qaltli biex ma nibqax nkellmu ghax kont indejqu. Wara z-zwieg kien jitlaghlu malajr u kien ihalli hmieg kullimkien. Jiena kont niehu pacenzja bih, ghax ma ridtx li jiddejjaq. Per ezempju kont insajjarlu li jkun irid biex ma jixbax. Peress li x-xoghol tieghu huwa ta' kok huwa kien aktar iva milli le jkollu xoghol fil-ghaxija, u allura kien iqatta' l-hin ta' fil-ghodu d-dar mieghi peress li jiena ma nahdimx. Huwa kien idum tard, u meta kien ikun imqajjem kien il-hin kollu jcempel fuq it-telephone. Nispjega Ii ma kienx normali l-hin li kien iqatta' fuq it-telephone, kien joqghod bil-qieghda hdejn it-telephone ghal sieghat shah. Nghid ukoll li sakemm baqghu joqoghdu ghandna qatt ma tana ebda flus ghall-hajja jew ghall-ispejjez. Anzi l-affarijiet kienu l-kontra ghax sahansitra wara li zzewgu biex jixtri xi haga tal-ikel kien jigi ghandi jitlobni l-flus biex imur jixtri.*

*Jiena bqajt insajrilhom u nahslilhom il-hwejjeg sahansitra wara li zzewgu u marru joqoghdu l-post taghhom. Tista' tghid li jiena kont niehu hsiebhom. Nghid li huma kienu joqoghdu gewwa 'flat' fl-istess blokk ta' fejn noqghodu ahna Gieli kien jigi ihabbatli l-bieb biex insajjar jiena lil Sibyel. Ghalkemm kien kok, rari kien isajjar id-dar. It-tifla tieghi ma tantx kienet tiehu pjacir li lilha ma jsajjrilhiex. Emmanuel kien ukoll insista Ii jgib kelb kbir tal-'wolf' u generalment kien ihabbattli l-bieb biex immur innaddaflu*

*jiena, u dan allavolja kien jaf li jiena kont nibza' hafna minnu u li dan il-kelb kien sahansitra gidimni.*

*Niftakar li hija, Anthony Axisa, li miet xi ftit xhur ilu, u li kien joqghod maghna hu ukoll, kien qalli li Emmanuel kien offrielu d-droga u kien qalli li hu ma kienx qed jistenniha minnu. Jiena ma bsartx li hija kien ser jghidli haga bhal din fuq Emmanuel. Nghid li hija qalli b'din l-affari personalment meta l-affarijiet ta' bejn binti u zewgha ma setghux jirrangaw.*

*Wara xi ftit zmien li zzewgu Emmanuel kien mar jahdem fir-restaurant 'Timeo' u minn dak iz-zmien kien inbidel kompletament. Meta nfirdu Sibyel qaltli li hu kien ikellimha fuq habib tieghu separat li skond hi kien influwenzah hafna. Wara z-zwieg kien hemm okkazjonijiet fejn kien jghid li kien imur ghax-xoghol pero' r-ragel tieghi kien jarah jiehu xi flixkun birra gewwa Marsascala. Hu qatt ma kellu xoghol stabbli. Jiena personalment gieli kont nismaghhom jitlewmu.*

*Meta z-zwieg taghhom intemm hu ma riedx li jirranga l-affarijiet ta' bejniethom u ma ghamel ebda pass biex isalva iz-zwieg".*

Illi **Lawrence Buhagiar** fl-affidavit tieghu sostna illi:-

*"Nghid li jiena missier l-attrici Sibyel Buhagiar.*

*Nghid li jiena kont ninnota li l-konvenut, Emmanuel Green ma kienx jaqbel ma' missieru. Ma tantx kien hemm djalogu bejnu u bejn missieru. Per ezempju meta kien ikun xoghol sat-tard ma kienx icempel lil missieru biex imur ghalih u dan ghaliex kien jibza' minnu imma minflok kien icempel lil Sibyel li kienet tghid lili halli mmur ghalih jiena. Kien hemm ukoll indikazzjonijiet ohra li jixhdu kemm kien jrid jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu. Minkejja l-eta' pjuttost zghira tieghu u kien heggeg lil binti jizzewwgu malajr u dan minkejja li d-dar kienet ghadha mhux lesta. Fil-fatt huma ghamlu xhur joqghodu maghna wara li zzewgu. Ukoll meta kienu ghadhom gharajjes hu kien jorqod id-dar taghna ta' sikwit. Nippreciza li meta kienu*

*ghandhom gharajjes hu kien jorqod ghandna xi tlieta jew erba' darbiet fil-gimgha. Fl-opinjoni tieghi Emmanuel ried li l-ewwel cans li jkollu jizzewweg u jitlaq mid-dar. Ukoll sabiex ikunu jistghu jizzewgu ahna ghinna lit-tifla finanzjarjament.*

*Nghid li qabel iz-zwieg ma kienx hemm indikazzjonijiet li juru li hu ma kienx jirrispetta lil binti. Pero' nghid ukoll li binti ma tantx kienet tiftah qalbha maghna u specjalment wara z-zwieg kienet toqghod lura milli tghidilna certi affarijiet. Lejn l-ahhar tar-relazzjoni taghhom jiena bdejt ninnota li hu ma kienx f'postu li jibqa' z-zwieg. Ahna, jigifieri jiena u marti, ma konniex nindahlu. Illum-il gurnata ninduna kemm it-tifla kienet toqghod lura minnu biex ma jitlaqx.*

*Is-sistema tieghu nbiddlet wara li zzewweg.*

*Wara li zzewgu Emmanuel kien beda jahdem fir-'restaurant' li jismu 'Timeo' u minn hemm rajtu li kien tilef l-interess kollu fiz-zwieg. Il-hbiberiji tieghu xejn ma kienu joghgbuni u fost hbiebu kien hemm persuni omosesswali. Kien hemm ukoll nies separati, u kienu kollha mhalltin f'ambjent wiehed. Fi ftit kliem kien espost ghall-ambjent ta' libertinagg. Minn meta beda jahdem it-'Timeo' l-bidla fih saret aktar apparenti. Kien tbiddel kompletament. Beda jidher dejjem aktar bic-car li hu ma riedx jibqa' fir-responsabilta` taz-zwieg.*

*Ghalija hi cara li hu ried jizzewweg biex jitlaq mid-dar. Mal-familja tieghi hu sab il-kumditajiet kollha li kollu bzonn. Jiena ma nahsibx li hu kien matur u responsabbli bizzejjed biex jidhol ghaz-zwieg".*

Min-naha tieghu **l-konvenut** fl-affidavit tieghu xehed illi:-

*"Jien izzewwigt lit marti Sibyel Buttigieg fil-23 ta' Mejju 1999, wara li konna ilna nafu lil xulxin ftit aktar minn sentejn. Meta zzewwigna jien kelli wiehed u ghoxrin (21) sena u marti kellha erbgha u ghoxrin (24) sena. Jien ltqajt ma' marti meta kont impjegat il-McDonalds tal-Belt u l-mara tieghi kienet dak iz-zmien il-'manager' tieghi.*

*Niftakar illi hi kienet tipprova tkellimni hafna specjalment meta konna nkun sejrin lura d-dar mix-xoghol bit-trasport tax-xoghol, izda jien ma tantx kont naghti kaz taghha. Niftakar illi kont gejt mibghut kors il-hanut tal-McDonalds, B'Kara u waqt li kont inkun hemm, kienet titfacca hi. Kienet anke waslet biex baghtitli bukkett fjuri d-dar. Darba minnhom kienet offriet li twassalni d-dar mix-xoghol u konna bqajna illi nohorgu flimkien.*

*Bdejna nohorgu flimkien normalment bhalma jaghmlu kull koppja ohra. Konna nitkellmu fuq l-esperjenzi taghna, u fuq l-affarijiet li konna naghmlu. Kienet qaltli mill-bidu min kienu l-'ex boyfriends' taghha u li dawn kienu joqghodu Marsascala fejn kienet toqghod hi. Tatni x'nifhem illi dawn kienu ghadhom interessati fiha, izda jien dak iz-zmien ma kontx naghti kaz ta' dawn l-affarijiet.*

*Wara ftit iltqajt mal-genituri taghha. Jien sirt nafhom ftit ftit, izda mill-ewwel indunajt illi minhabba illi Sibyel hi tifla unika l-genituri taghha kienu iffissati fuqha, u sfortunatament kienu jindahlu f'kollox.*

*Niftakar illi fis-sajf tas-sena 1997, meta konna ghandna kemm bdejna nohorgu flimkien, l-istaff tal-McDonalds kien organizzaw 'weekend' Kemmuna u Sibyel marret maghhom. Ftit wara kont ircevejt telefonata minghand habiba tieghi li kienet qaltli li Sibyel kellha relazzjoni ma' zewgt irgiel ohra. Meta staqsejt lit Sibyel jekk dan kienx veru hi qaltli li le u jien hallejt kollox ghaddej.*

*Wara ftit jien dhalt l-iskola tal-ITS biex nistudja ghal kok. Dak iz-zmien jien ghamilt hbieb godda u konna nghaddu hafna hin flimkien specjalment waqt il-'breaks' li kien ikollna. Sibyel kienet titla' l-iskola biex tara kif jiena u kienet issaqsini fuq il-hbieb tieghi specjalment it-tfajliet. Niftakar darba minnhom jien u shabi nzilna McDonalds, San Giljan u jien cempilt lil Sibyel minn hemm biex nara kif inhi. Meta jien ghidtilha li kont qieghed McDonalds ghamliltli xenata fuq it-telefon ghaliex infaqt Lm2.50 fuq 'burger'. Niftakar illi dakinhar shabi ma hallewnix bi kwieti minhabba fit-tfajla li kelli.*

*Meta kien wasal biex jispicca l-kors tal-ITS jien kelli naghzel fejn xtaqt immur biex niehu esperjenza barra minn Malta. Meta ghidt hekk lil Sibyel din ghamlitli xenata u qaltli li jien ridt insiefer biex nehles minnha u mhux biex niehu esperjenza f'lukanda ewlenija go l-Ingilterra. U jien biex nikkuntenta lit-tfajla tieghi, ma mortx.*

*Sibyel kellha drawwa ma tghidx l-verita` kollha fuq certi affarijiet. Sibyel qatt ma riedet tghid lill-genituri illi jien kont izghar minnha. Dawn sar jafu wara hafna zmien ghaliex jien ma flahtx inkompli nigdeb fuq l-eta` tieghi. Niftakar ukoll illi konna xtrajna 'Persian cat' ghal madwar Lm150, izda Sibyel ma riditx tghid lil ommha illi konna xtrajnih tant ghaliex kienet qed tibza' illi l-genituri taghha kienu se jikkummentaw fuq il-hela ta' flus u ghalhekk Sibyel qaltilhom illi konna sibnih barra. Darb' ohra kienet qalet lil ommha illi kienet rebhet telefon cellulari f'xi lotterija tax--xoghol biex ma turix lil ommha u lil missierha li kienet xtratu.*

*Wara ftit xhur Sibyel iddeciediet li riedet titgharras. Jien dak iz-zmien ma kellix xi ghaggla partikolari biex nizzewweg izda tant kemm gejt zfurzat minnha accettajt. Kelli biss dsatax-il sena meta tgharrast u dak iz-zmien ma fhimtx x'kienu se jkun l-implikazzjoni ta' din l-gherusija. Nahseb illi lanqas Sibyel ma kienet bizzejjed matura biex tifhem il-pass li konna se naghmlu. Kien kwazi kaz tal-koppji kollha jitgharrsu u allura* ahna *nitgharrsu bhalhom.*

*Sibyel kienet xtrat* '*flat*' *b'xi flus li kien taghha zijuha. Il-'flat*' *kien ezatt taht il-'flat' ta' ommha u missierha. Kellu bzonn jitranga u ghalhekk jien bdejt niehu nteress fix-xoghol li kellu jsir. Missier Sibyel kien iddecieda illi hu kien se jghinna nirrangaw il-'flat*'*. Minn daqxejn ghajnuna missier Sibyel iddecieda illi kien se jiehu kollox f'idejh. Kwalunkwe haga li kont nipprova naghmel jien, tikhil, jew zebgha jew kwalunkwe haga ohra, tkun xi tkun, dan qatt ma kien tajjeb bizzejjed ghal missierha. Prattikament kien tani x'nifhem illi ma kellux pjacir bija nahdem fil-'flat*'*.*

*Imbaghad iddecidejna biex nizzewwgu. Illum inhares lura u nsaqsi lili nnifsi jekk konniex ninhabbu. Ma nahsibx li kien il-kaz. Konna nuzaw il-kelma mhabba minghajr ma nikkunsidraw it-tifsira taghha.*

*Meta bdejna l-preparamenti ghat-tieg, dawn kienu f'idejn Sibyel u l-genituri taghha. Dawn qatt ma, staqsewni ghall-opinjoni tieghi dwar kwalunkwe haga. Lanqas ma stajt naghzel il-'best man' tieghi. Jien xtaqt naghmel lil siehbi Alexei, imma missier Sibyel iddecieda illi ried xi hadd izjed responsabli u ghalhekk jien ghamilt lil Alexei x-xhud tieghi waqt illi l-'best man' tieghi kien ziju minn-naha ta' Sibyel.*

*Sibyel kienet iddecidiet illi z-ziju tieghi li kien fotografu kellu jehdilna r-ritratti tat-tieg. Jien liz-ziju riedtu bhala mistieden u mhux fuq xoghol. Izda Sibyel baqghet tinsisti, sahansitra bidlet il-gurnata tat-tieg sabiex iz-ziju jkun jista jehdilna r-ritratti kif riedet hi.*

*Missieri u ommi kienu ddecidew illi kienu se jaghtuna Lm1,000 bhala rigal tat-tieg. Sibyel kien dehrilha illi dan l-ammont kien zghir wisq a konfront ma' dak kollu li kienu qed jaghmlu ommha u missierha. Hi kienet taf illi ghal ommi u missieri Lm1,000 kienu flus u ghalhekk ma, kontx hadt pjacir bit-tmaqdir taghha. Ommi u missieri kienu jitrattaw lili u lil hija l-istess u ghalhekk meta hassew illi jekk jien se niehu Lm1,000 bhala rigal tat-tieg, kellhom jaghtu l-istess lil hija. Hija xtaq karozza u ghalhekk xtrawlu 'Mini Minor' uzata ghal Lm500. Dak iz-zmien jien ma kellix karozza u l-genituri tieghi offrewli li niehu taghhom. Din kienet karozza tal-marka Nissan li kellha erbatax-il sena. Meta kont iccekkjat mal-Insurance kemm kienet se tigini biex ninxurjaha fuqi rrealizajt li ma kienx se jaqbilli u ma hadthiex.*

*Ghall-ewwel li zzewwigna konna noqghodu mal-genituri ta' Sibyel. Ommha u missierha rieduna nghixu maghhom. Jien ghall-ewwel kont qed infittex 'flat' gewwa Marsascala biex nikruh sakemm inlestu l-post. Missierha kien hadha bi kbira li jien kont qed infittex biex nikru. Irnexxielu jikkonvinci lil Sibyel illi kien ikun ahjar kieku ahna konna noqghodu maghhom. Imbaghad Sibyel iddecidiet illi riedet*

*toqghod ghand ommha sakemm ikun lest il-'flat'. Sahansitra z-zija tieghi offrietilna biex noqghod maghha jekk rridu ghaliex kellha dar kbira, izda missier Sibyel oggezzjona u ghalhekk ma kellix ghazla.*

*Jien qatt ma hassejtni parti mill-familja ta' Sibyel. Kienu jidhku bija ghaliex meta kont nitkellem bil-Malti kont nitkellmu b'accent Ingliz. Minhabba illi missieri Ngliz u ghamilna diversi snin nghix I-Germanja u Gibilta` u kulma ghamilt Malta dak iz-zmien kien biss tliet snin, jien ma kellix hafna esperjenza tal-lingwa Maltija. Apparti minn dan kellu xi kultant kien ikollna problemi biex niftiehmu jien kont insib diffikulta b'xi kliem u omm Sibyel ma kenitx tifhem hafna bl-Ingliz.*

*Wara tliet xhur ta' zwieg, kien ghad ma kellniex tfal. Il-mara tieghi ddecidiet illi jien kelli xi haga hazina u ghalhekk iddecidiet illi jien ghandi mmur naghmel testijiet. Jien mort, it-tabib qalli Ii ma kien hemm xejn hazin u Ii ahna nistghu jkollna tfal bhal haddiehor. Anke Sibyel ghamlet xi testijiet, u t-tabib xtaq Ii taghmel testijiet izjed dettaljati. Din iddecidiet illi ma riditx taghmilhom. Lili qatt ma kellmitni fuq id-decizjoni taghha. Kienet tippretendi illi jiena naghmel kif tghid hi u li ma kellhiex ghalfejn taghti ebda spjegazzjoni jew tikkonsulta ruhha mieghi fuq dawn l-affarijiet illi kienu ta' mportanza ghalina.*

*Biex nipprova nsolvi l-problema tat-tfal, jien xtrajt ferh tal-German Shepard. Jien hsibt illi jekk il-mara jkollha f'hiex idderri din tikkalma ftit, izda ma kienx il-kaz ghaliex il-mara ma kenitx thobb il-kelb. Il-kelb kont niehu hsiebu jien. Kien qisu t-tifel tieghi. Kont intih jiekol, innaddaflu u nohorgu mixja kuljum. Rari biex hallejtu ma' omm u missier Sibyel. Dan kien jigri biss jekk jien u Sibyel konna nohorgu nieklu matul il-'weekend'.*

*Meta l-'flat' kien kwazi lest jien u Sibyel dhalna fih ma kellniex kcina u kulma kellna kienu ftit ghamara u mobbli ohra, pero' jien kont qed nispera illi jekk noqoghdu ghalina r-relazzjoni taghna kienet se tigi ghall-ahjar. Almenu konna nnaqsu mill-indhil tal-genituri ta' Sibyel.*

*Sibyel kienet tat cavetta lil ommha u jien ma kontx hadt pjacir b'dan. Kont nitlaq mid-dar u nhalli oggett f'post u nerga' mmur id-dar wara x-xoghol u nsibu f'post iehor. Omm Sibyel kienet taqbad u tidhol go darna, ccaqlaq l-oggetti mobbli, tnaddfilna d-dar u tahslilna hwejjigna u dan kien idejjaqni hafna. Kont wasalt fi stat fejn bdejt nahseb illi jien izzewwigt lil Sibyel, lil ommha u lil missierha.*

*Ghalija z-zwieg kellu jkun rabta ghat dejjem. Meta rrejalizzajt illi kellna problemi serji, issuggerejt lill-mara biex immorru 'counselling', izda hi ma riditx. Jien ippruvajt infiehmha illi ma stajniex inkomplu sejrin hekk u Ii ma konniex qed nghixu ta' mizzewgin, izda hi ma riditx taf. Kien biss wara li sseparajna minn ma' xulxin li Sibyel issugerietli li mmorru 'counselling', imma jien hassejt li dan kien tard wisq.*

*Wara ftit bdejna nitkellmu biex inbieghu d-dar. Jien kont kuntent ghaliex hsibt illi fl-ahhar se nsibu post 'il boghod mill-genituri taghna t-tnejn biex inkunu nistghu nghixu ta' mizzewwgin. Izda dan ma kienx se jkun il-kaz. Missierha ddecieda illi ahna u huma kellna nbieghu d-djar taghna biex flimkien nixtru dar akbar u nghixu kollha flimkien. Ghalkemm jien ippruvajt nispjega il-pozizzjoni tieghi li ma xtaqtx nghix flimkien maghhom hadd ma ta kaz l-opinjoni tieghi. Marti ddeciediet illi kienet se taghmel kif jghid missierha u ghalhekk konna se nghixu maghhom. Ghaddew ftit gimghat u l-genituri ta' Sibyel sabu 'plot' Marsascala u thajru ghaliha.*

*Jien qatt ma gejt ikkonsultat. F'dan iz-zmien ir-relazzjoni taghna kienet iddetterjorat hafna. Il-mara tieghi lanqas infurmatni illi kienet bi hsiebha tbiegh il-'flat'. Infatti marti resqet fuq att ta' konvenju minghajr ma nfurmatni, u biex taghmel il-konvenju biex jinbiegh il-fond, infurmat lin-Nutar illi kienet awtorizzata tidher ghan-nom tieghi. Dan kollu jien sirt nafu wara li ghamlet il-konvenju.*
*Darba minnhom meta gejt mix-xoghol f'xi saghtejn ta' fil-ghodu nsib lil Sibyel imqajma, u qaltli illi riditni nitlaq u kompliet tghidli kif se naqsmu l-affarijiet ta' bejnietna. Jien bqajt imbellah ghaliex ma bsartx illi konna se naslu f'dan l-istadju. Kont konfuz hafna u ma kontx naf x'se naqbad*

*naghmel Qaltli biex nibqa’ fil-‘flat’ sal-ghada, imbaghad kelli nitlaq. Jien kont konfuz ghall-ahhar. Ma ridtx norqod fl-istess sodda mal-mara li kienet qaltli li ma riditnix aktar. Iddecidejt illi ahjar immur nimxi ftit halli nkun nista’ nahseb. Sibyel issugerietli biex incempel xi hbieb. Jien kellimt lil ‘head chef’ li kien jahdem mieghi u dan qalli illi kien se jigi ghalija u stajt noqghod id-dar ghandu. Jien kont ghadni mbikkem u cempilt lil Sibyel biex nghidilha illi kont se noqghod ghand siehbi Gary biex ma toqghodx tinkwieta ghalija. L-ghada cempilt lil Sibyel biex nghidilha illi ma kontx se nigi lura galadarba kienet keccietni. Xi jiem wara ergajt mort id-dar biex nigbor xi affarijiet u sibt hwejgi kollha ppakkjati fejn il-bieb ta' barra. Missierha kien ha hsieb biex jigbor kollox.*

*Sirt naf minghand ommi illi wara s-separazzjoni, Sibyel kienet stqarret maghha illi ma setghetx tidra l-hinijiet tax-xoghol tieghi. Jien ma stajtx nemmen x'kienet qalet. Kienet ilha taf illi jien kont nahdem hinijiet difficli. Anke hi gieli hadmet ta' ‘waitress’ fl-istess post li kont nahdem jien u kienet taf il-hinijiet tax-xoghol tieghi. Anke konna ddecidejna illi t-tnejn kellna nahdmu biex inlahhqu mal-ispejjez li kellna. Konna niddepozitaw il-paga f’kont komuni u nuzaw il-flus kif kien hemm bzonn. Gieli konna nargumentaw ghaliex hi ma kienitx tridni nonfoq il-flus zejda li kien jibqaghli fuqi nnifsi izda hi xorta baqghet tghix hajja ta' xebba, tixtri hwejjeg tal-ahhar moda, taghmel xagharha u taghmel trattamenti ta' sbuhija regolarment. Il-kontijiet konna nhallsuhom flimkien. Qatt ma naf illi nqasna milli nhallsu xi kont, jew li Sibyel kellha thallas xi kont waheda.*

*Kemm meta kont gharus kif ukoll ta' mizzewweg, jien ma kontx bqajt nohrog mal-hbieb tieghi. Sibyel kienet tal-fehma illi ma kellniex bzonn hbieb. Kienet tal-fehma illi jekk nohorgu ma’ koppji ohra jew nistidnuhom id-dar stajna nikkrejaw sitwazzjoni ta' kunfidenza zejda u hbiberija li setghu jfarrku z-zwieg taghna. Lanqas wara x-xoghol, jekk il-principal kien joffrilna ‘drink’ lanqas ma kont naccetta. Kull darba li kont niehu ‘drink’ wara x-xoghol u nidhol id-dar, kienet ixxomm ir-riha tal-birra u takkuzani illi kont qed nohrog mal-hbieb tieghi.*

*Illum inhares lura u nirrealizza illi marti ma kenitx lesta ghaz-zwieg. Kienet wisq dipendenti fuq il-genituri taghha u dawn ta' l-ahhar kienu kontinwament jindahlu fl-affarijiet taghha u taghna. Ahna ma stajniex nghixu bhala koppja mizzewga. Marti ma kenitx tifhem x'inhuma l-obbligi taghha fi zwieg. Jien izzewwigt lil marti, u bla hsieb lill-genituri taghha".*

**Maria Green** sostniet fl-affidavit taghha illi:-

*"Jien omm l-attur Emmanuel Green. Ibni minn dejjem niftakru tifel kuntent u ferriehi u fuq ruhu hafna, dejjem mdawwar bil-hbieb. Meta beda johrog ma' Sibyel kien gabha d-dar biex insiru nafuha. Jien u r-ragel dehrilna illi Emmanuel kien ghadu zghir biex jidhol f'relazzjoni serja ta' dsatax (19)-il sena izjed u izjed meta t-tfajla tieghu kellha tnejn u ghoxrin (22) sena, pero' ma ridniex nindahlu fid-decizjonijiet tieghu. Sibyel dahlet id-dar taghna u ahna konna nilqghuha u konna nikkunsidrawha bhala wahda tal-familja.*

*Wara ftit taz-zmien li ghamlet tohrog ma' Emmanuel, il-karattru ta' Sibyel beda hiereg. Sibyel kienet persuna dominanti hafna u 'spoilt' ghall-ahhar. Kienet tifla waheda u ma kellhiex hutha u ommha u missierha kienu ffissati fiha. Kienu jippruvaw jikkuntentawha f'kollox, u ma kienux jafu jghidulha le. Jien ukoll kont nipprova nikkuntentaha f'kollox. Jien ghandi zewg subien Kristian u Emmanuel u minn dejjem xtaqt li kelli tifla, u ghalhekk lil Sibyel kont nikkunsidraha qisha t-tifla tieghi. Niftakar darba minnhom kien qaltli kemm kienet sabiha t-'table cloth' li kelli fuq il-mejda tal-ikel u jien dak il-hin qbadt u tajthielha.*

*Emmanuel u Sibyel kienu jkun ta' spiss ghandna u Sibyel gieli raqdet ghandna. Hi u Emmanuel kemm-il darba ggieldu fil-prezenza taghna. Generalment l-argumenti taghhom kienu jkun fuq il-fatt illi Emmanuel kellu hafna hbieb kemm tfajliet kif ukoll guvintur u hi ma kenitx tridu jkellem il-hbieb tieghu jew jiltaqa' maghhom. Minhabba f'Sibyel, Emmanuel ma baqghax johrog mal-hbieb tieghu,*

*lanqas ma baqa' jilghab futbol ghalkemm kien jilghab mal-Club tat-Tarxien Rainbows.*

*Emmanuel u Sibyel tgharrsu wara ftit xhur li bdew johorgu flimkien, f'Dicembru tas-sena 1997. Meta jien u r-ragel konna nsaqsu lit-tifel dwar l-gherusija dan ma kienx jidher entuzjast dwar il-fatt li kien se jitgharras. Jien u r-ragel ipprovajna nkellmuh biex jipposponi d-data tal-gherusija, izda kien jghidilna illi ma kellux problemi ma Sibyel u li kien se jkompli maghha.*

*Sibyel kienet tivvinta hafna stejjer u jien u r-ragel konna wasalna fi stat fejn mhux dejjem nemmnu dak li kienet tghidilna. Kienet ivvintat storja illi kien sabu qattus Persian barra, biex ma tghidx lil ommha u lil missierha illi kienu xtraw qattus. Kienet ivvintat storja ohra dwar il-fatt li rebhet 'mobile' cellulari f'lotterija tax-xoghol. Imbaghad sirna nafu illi l-'mobile' kienet xtratu. Emmanuel kien spjegalna illi jekk jghidu lil omm u missier Sibyel illi kien nefqu flus fuq qattus jew 'mobile' dawn kien jaghmlu xenata lil Sibyel u din imbaghad kienet taghmel xenata lilu.*

*Sibyel kienet tibdel il-post tax-xoghol ta' sikwit, ghal raguni jew ohra. Gieli kienet titlaq hi u gieli kienu jgieghluha titlaq ghaliex kienet tiggieled fuq il-post tax-xoghol. Darba minnhom kienet ghada kemm bdiet tahdem f'post gdid u kellha xi tghid mal-'manager' taghha. Cemplet lil Emmanuel biex imur ghaliha ghaliex ma kienitx f'kundizzjoni li ssuq. Kienet bdiet tibki u jien qbadt il-karozza taghna u wassalt lil Emmanuel biex jiltaqa' maghha.*

*Sibyel kienet kappricuza hafna u taghha biss kien tajjeb. Niftakar qabel it-tieg riditni immur maghha u ma' ommha biex naghzlu zewg ilbiesi tal-'mother of the bride' li jaqblu flimkien biex skond hi ma nistunawx. Jien kont diga' xtrajt il-libsa li kont se nilbes ghat-tieg tat-tifel. Kont xrajtha mill-Ingilterra ghal xi hamsin lira Inglizi. It-tifel kien qalli li Sibyel ma kenitx kuntenta bil-libsa li ghazilt jien ghax skond hi ma kenitx tajba bizzejjed ghal dakinhar. Lit-tifel jien spjegajtlu illi jien kont xtrajt libsa li kienet toghgob lili,*

*galadarba jien kelli nilbisha, u li ma ridtx nohloqlu problemi, izda ghalija ma kenitx xi haga accettabli illi lanqas ma stajt naghzel il-libsa li ridt nilbes jien minghajr indhil.*

*Niftakar illi Emmanuel ma kienx involut fil-preparament ghat-tieg. Sibyel u l-familja taghha kienu hadu hsieb kollox u ma kienu jikkonsultaw la lilu u lanqas lilna f'xejn. Emmanuel kien dispjacut hafna meta lanqas ma qablu mal-ghazla tieghu tal-'best man' li kellu jkun siehbu Alexei Aquilina.*

*Qabel it-tieg jien u r-ragel ippruvajna nkellmu lit-tifel fuq il-pass li kien se jaghmel. Konna tal-fehma illi kemm Emmanuel, kif ukoll Sibyel ma kienux jafu x'jinvolvi z-zwieg u lanqas ma kienu ppreparati ghall-obbligi u s-sagrificcji li jgib mieghu zzwieg. It-tnejn kienu ghadhom zghar hafna u m kienux maturi bizzejjed. Izda Emmanuel ma ridx jisma' minnha u kien tal-fehma illi wara z-zwieg kollox kien jaqa' f'postu. Emmanuel izzewweg fit-23 ta' Mejju 1999, wara li hu u Sibyel kienu ilhom jaf lil xulxin ghal kwazi sentejn.*

*F'okkazjoni minnhom Sibyel u ommha kellhom xi jghidu ghaliex il-qattus Persjan kisser xi vazun ghand omm Sibyel. Emmanuel gab lil Sibyel u l-qattus id-dar ghandna ghaliex bdiet tinkwieta hafna. Dan kienu vicin il-gurnata tat-tieg u Sibyel kienet qed tinkwietha ghaliex kellhom jibdew gejjin in-nies bir-rigali tat-tieg u kienet qed tinkwieta fuq fejn se jmorru joqoghdu wara t-tieg. Jien ghidtilha biex ma toqghodx tinkwieta u se mai n-nies setghu jigu ghandna bir-rigali tat-tieg u ohti offrietilhom biex joqoghdu ghandna. Izda meta saru jafu b'dan l-arrangament il-genituri ta' Sibyel ma hadu pjacir xejn.*

*Wara t-tieg Emmanuel u Sibyel marru joqoghdu mal-genituri taghha sakemm ilestu l-'flat' taghhom li kien ezatt taht dak tal-genituri taghha.*

*Wara t-tieg, Emmanuel ma tantx kien jinzel ghandna. Kien jigi ghal ftit minuti u jitlaq. Kien tbiddel hafna. Fejn is-soltu*

*ma jieqafx jitkellem, ma kien jghid kwazi xejn. Kien jidher imdejjaq hafna u kien qisu qed igorr piz kbir fuq spalltu.*

*Darba fost l-ohrajn kien stqarr mieghi illi ma kienx ihossu komdu d-dar tieghu. Omm Sibyel kellha cavetta tad-dar u kienet tidhol tahsel l-art, taghmel is-sodda, tahsel ilhwejjeg u Emmanuel kien ihossu skomdu ghaliex ma kienx jaf jekk kenitx se tidhol fuqhom.*

*Stqarr mieghu ukoll illi kull darba li kien jasal id-dar mix-xoghol daqxejn qabel is-soltu, Sibyel kienet iccempillu biex titolbu jaghmel xi haga. Ma setghax jifhem kif kienet tkun taf illi kien wasal id-dar qabel. Darba minnhom kien hemm it-tieqa tax-xaft miftuha u sema' lil ommha ccempel lil Sibyel biex tghidilha illi kien qieghed id-dar, u fil-pront cemplitlu Sibyel. Spjegali illi kien wasal f'punt fejn ma setghax jaccetta dan l-indhil kollu.*

*Niftakar illi darba minnhom Emmanuel kien gie d-dar kuntent hafna. Kien spjegalna illi Sibyel kienet thajret tbiegh il-'flat' u ghalhekk forsi jekk kienu jitilqu minn fejn ommha u missierha, l-affarijiet ta' bejniethom kien jigu ghall-ahjar. Izda wara ftit jiem Emmanuel stqarr mieghi illi anke missier u omm Sibyel kienu thajru biex ibiegh l-'flat' taghhom u riedu jixtru dar kbira biex Emmanuel u Sibyel u l-genituri taghha jghixu flimkien. Emmanuel qalli illi ghalkemm ipprova jfiehem lil missier Sibyel li din il-proposta ma kienitx accettabli ghalih, dan ma kienx jaghti kaz ta' dak li kien jghid hu.*

*Wara ftit xhur li kienu ilhom mizzewgin, kien ovvju illi z-zwieg taghhom kien wasal fl-ahhar. Darba minnhom Sibyel kienet ghandna u stqarret mieghi illi Emmanuel kien qed jghajjat maghha. Jien ma stajtx nifhem kif jista' jkun, ghaliex it-tifel ma kellux predispozizzjoni ghall-ghajjat. L-ghada mort id-dar taghhom biex nara kif kienu sejrin l-affarijet u sibt lit-tifel abjad karti. Spjegali illi meta kien jigi lura mix-xoghol fit-tard, Sibyel kienet taqbad tghajjat mieghu u ma kienx jaf se jaqbad jaghmel. Wara lejl xoghol kien johrog jimxi ftit sakemm tikkalma ftit u mbaghad jerga' jidhol id-dar. Kien stqarr ukoll illi kien wasal fi stat fejn ma setghax jorqod u kellu jiehu xi pilloli*

*tal-irqad biex ikun jista' jorqod. Meta staqsejtu x'kien bi hsiebu jaghmel qalli li ma kienx jaf u li kien qed ihossu qisu prigunier maqful.*

*Wara ftit jiem minn dan l-episodju Sibyel qalet lil Emmanuel li z-zwieg taghhom kien spicca u keccietu barra mid-dar. Wara li Emmanuel u Sibyel sseparaw minn ma' xulxin, hi kienet stqarret mieghi illi kienet sseparat minn ma' Emmanuel minhabba x-xoghol li kien jaghmel. Jien ma stajtx nifhem ghaliex ix-xoghol ta' Emmanuel kien holoq din il-problema meta kienet taf mill-ewwel gurnata li kienu johorgu flimkien li Emmanuel kien 'chef' u ghalhekk il-hinijiet tieghu kienu differenti minn ta' ohrajn. Kont konvinta izjed tal-fatt illi hi riedet tikkontrolla lit-tifel f'kollox u meta beda jopponi ghax-xewqat taghha hi ppreferiet tissepara minn mieghu".*

Min-naha taghha **Alick Green** fl-affidavit tieghu sostna hekk:-

*"Jien missier Emmanuel Green. Emmanuel beda johrog ma' Sibyel meta kellu dsatax-il sena. Il-mara tieghi u jien hassejna illi Emmanuel kien ghadu zghir wisq biex ikollu relazzjoni serja, pero' gab lil Sibyel id-dar sabiex il-mara u jiena nsiru nafuha. Fl-ewwel laqgha taghna jien hassejt illi Sibyel hadet wisq kunfidenza maghna, lill-mara sejhitilha "Mum", lili "Dad" u gabet ruhha qisha kienet ilha tafna ghal diversi snin.*

*Kemm-il darba waqt li kienu qeghdin johorgu flimkien u qabel l-gherusija, Sibyel u Emmanuel kien ikollhom argumenti kbar dwar il-hbieb ta' Emmanuel u dan fil-prezenza tieghi. Minn dawn l-argumenti kien kwazi dejjem jirrizulta illi Sibyel kienet tixtieq illi Emmanuel ma jibqghax jaghmilha daqshekk mal-hbieb tieghu biex ikun jista' jikkoncentra biss fuq ir-relazzjoni taghhom. Il-mara u jiena ppruvajna kemm-il darba nkellmu lit-tnejn li huma fuq il-hafna argumenti li kien ikollhom.*

*Kien hemm ukoll diversi argumenti dwar il-hinijiet tax-xoghol u l-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' Emmanuel. Emmanuel kien jahdem bhala 'chef' u allura kien jahdem*

*hinijiet twal. Hafna drabi kien jibqa' jahdem fit-tard u kien kwazi dejjem jasal id-dar wara s-saghtejn ta' fil-ghodu. Hadem f'diversi lukandi sakemm fl-ahhar beda jahdem go 'restaurant' f'Marsascala sabiex ikun aktar vicin ta' Sibyel. Darba minnhom Sibyel heddet lil Emmanuel illi kienet se tikkancella d-data ta' l-gherusija ghaliex hu kien qed ikun ghajjien wisq biex jaghti kazha.*

*Wara ftit xhur Emmanuel qal lili u lil ommu illi hu u Sibyel kienu se jitgharrsu. Sibyel u Emmanuel ma kienux ilhom hafna flimkien u jien staghgibt bid-decizjoni tieghu, aktar u aktar meta t-tifel ma taniex l-impressjoni illi kien ferhan bil-pass li kien se jaghmel.*

*Waqt l-gherusija l-argumenti bejn Emmanuel u Sibyel ma naqsux. Jien ippruvajt kemm-il darba nkellem lil Emmanuel fuq din il-problema u partikolarment fuq il-fatt illi t-tnejn li huma ma kienux jidhru li kienu lesti ghaz-zwieg, izda dan ma riedx jifhem. Fiz-zmien li Emmanuel u Sibyel ghamlu gharajjes, Emmanuel tbiddel hafna. Minn persuna estroverta, fuq ruhha u jhobb l-isport sar persuna maghluq fih innifsu, inkwetat u mdejjaq.*

*Wara ftit xhur illi kienu gharajjes, sirna nafu illi kienu ddecidew illi kienu se jizzewgu. Jien u l-mara kemm-il darba ppruvajna nkellmu lil Emmanuel sabiex jipposponi jew jikkancella ghal kollox il-gurnata tat-tieg tieghu. Ahna konna konvinti illi t-tifel taghna kien qed jigi sfurzat jizzewweg u li hu u Sibyel ma kellhomx idea ta' x'inhu z-zwieg u l-obbligi tieghu. Emmanuel kien ghadu zghir hafna. Huma bdew johorgu flimkien meta Emmanuel kellu dsatax-il sena u Sibyel kellha tnejn u ghoxrin sena u f'anqas minn sentejn kienu se jizzewgu.*

*Emmanuel ma kienx involut fil-preparamenti tat-tieg. Sibyel u l-genituri taghha kienu qeghdin jorganizzaw it-tieg u milli kien jghidilna Emmanuel ma kellux ghazla fil-preparamenti taz-zwieg. Emmanuel lanqas ma seta' jaghzel il-'best man' tieghu ghaliex missierha ma kienx kuntent bl-ghazla ta' Emmanuel u Emmanuel spicca biex kellu jikkuntenta biz-ziju ta' Sibyel bhala 'best man'.*

*Wara t-tieg ma tantx konna narawh lil Emmanuel. Meta kien jigi d-dar taghna f'Hal-Tarxien dejjem kien jidher imdejjaq u kien jitkellem mill-anqas, apparti it-testijiet tas-soltu u gieli ma kienx joqoghdu ghal izjed minn kwarta. Jien u l-mara ma stajniex nifhmu x'kien qed jigri lit-tifel taghna. Kien sar riservat hafna u kien qisu qed igorr piz kbir fuq spalltu.*

*L-akbar 'shock' li hadt kien meta t-tifel li kien ilu mizzewweg ghal ftit xhur biss, qalli illi Sibyel riedet tarbija, izda ghalkemm kien ippruvaw ghal xi gimghat ma kienx irnexxielhom, u Sibyel kienet qed tinsisti illi Emmanuel kellu jaghmel xi testijiet. Jien hsibt illi dan kien kmieni wisq fiz-zwieg, izda Emmanuel iddecieda illi jaghmel it-testijiet. Mit-testijiet irrizulta illi Emmanuel ma kellu ebda problema.*

*Wara z-zwieg Sibyel u Emmanuel kienu qabdu drawwa kerha. Kienu jissellfu xi affarijiet minghandna minghajr ma jghidu lili jew lill-mara tieghi. Darba minnhom hadu l-'vacuum cleaner' u l-mara ndunat biss meta giet biex tuzaha. Jidher illi kellhom bzonn il-'vacuum cleaner' biex inaddfu l-hmieg li kienu hallew il-haddiema fil-'flat' taghhom. Darb'ohra hadu l-'mixer' ta' l-ikel u l-hadida tal-moghdija. Dawn l-affarijiet ittiehdu minghajr il-permess taghna.*

*Ghall-anniversarju tal-hamsa ghoxrin sena ta' zwieg taghna, jien u l-mara ddecidejna illi norganizzaw ikla ghall-familja u hsiebna biex immorru nieklu t-'Timeo Restaurant' ghaliex Emmanuel kien jahdem hemm. Emmanuel ma kienx xoghol dak il-lejl u fil-kcina kien hemm 'chef' iehor. Waqt l-ikla Emmanuel iddecieda jidhol fil-kcina biex jkun zgur illi kollox kien miexi sew u biex jghid kelma mal-kollegi tieghu. Meta rega' pogga maghna Sibyel qaltlu "I told you not to move". Din l-attitudni ta' Sibyel kienet saret haga regolari.*

*Emmanuel ma kellux karozza u Sibyel ma tantx kienet twasslu jew thallih juza l-karozza taghha. Minflok ippreferiet tixtrilu rota sabiex jirkeb ir-rota biex imur ghax-xoghol. Din ma kienitx xi haga prattikabbli specjalment meta Emmanuel kien jahdem sieghat twal u generalment*

*kien ikollu jidhol ix-xoghol biex jipprepara l-ikel, jmur iddar, jinhasel u jbiddel u jerga’ jmur lura x-xoghol qabel il-hin tal-ftuh. F'okkazjoni minnhom Emmanuel kien qed jirrakkonta kif kellu hafna nies ghall-ikel fit-‘Timeo Restaurant’ u kellu jidhol jipprepara l-ikel ghal dan l-ammont kbir ta' nies. Kellu siegha biss biex imur id-dar, jinhasel, jbiddel u jerga’ lura x-xoghol, izda meta talab lil Sibyel biex tigi ghalih din irrifjutat. Minflok kollega tieghu offrietlu biex juza l-karozza taghha u hu ha din il-karozza. Sibyel irrabjat ghal dan il-fatt u akkuzatu illi kellu relazzjoni ma’ din il-kollega tieghu minhabba r-raguni illi skond hi hadd ma jaghmel xejn ghal xejn.*

*Wara ftit xhur mill-gurnata tat-tieg taghhom, kien ovvju illi dan iz-zwieg ma kienx sejjer jirnexxi. Emmanuel u Sibyel kienu qeghdin jiggieldu kontinwament minhabba fil-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' Emmanuel, minhabba l-genituri ta' Sibyel u minhabba kif kienu qeghdin jonfqu l-flus fuq affarijiet li ma kienux importanti.*

*Sibyel kompliet tghix hajjitha bhal qabel, tmur taghmel xagharha, diffrejha u taghmel diversi trattamenti ta' sbuhija, izda kienet toggezzjona ghal-mod ta' kif Emmanuel kien jonfoq flusu.*

*Imbaghad Sibyel qalet lil Emanuel illi z-zwieg taghhom kien spicca u talbitu biex jitlaq minn darhom. Emmanuel telaq, mar jghix ghand habib tieghu ghal-ftit jiem u imbaghad gie lura d-dar ghandna. Kif beda jghaddi z-zmien u partikolarment wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, Emmanuel rega’ beda jinbidel ghal Emmanuel li kont naf jien. Rega’ beda jghix, imur ghax-xoghol normalment, johrog mal-hbieb tieghu u jilghab il-futbol”.*

Ta x-xhieda tieghu bl-affidavit ukoll **Kristian Green** fejn sostna illi:-

*“Jien nigi hu Emmanuel Green. Jien u hija Emmanuel minn dejjem kellna relazzjoni tajba bejnietna, niftiehmu hafna u nghinu lil xulxin kemm jista’ jkun. It-tnejn nafdaw lil xulxin u nifthu qalbna ma’ xulxin.*

*Meta hija beda johrog ma' Sibyel, jien kont kuntent hafna ghalih. Kien qalli illi kien hemm tfajla x-xoghol illi kienet qed turi interess fih. Kif bdew johorgu flimkien, hija gab lil Sibyel id-dar biex ahna insiru nafuha. Kienet tidher tfajla normali, gustuza u fuq ruhha.*

*Mill-bidu tar-relazzjoni taghhom Emmanuel u Sibyel kienu jargumentaw ta' spiss, anke fil-prezenza tieghi u tal-genituri tieghi. Niftakar illi darba fost l-ohrajn meta Sibyel kienet id-dar, Emmanuel kien ircieva telefonata minghand il-habiba tieghu Zoe li kienet toqghod l-Ingilterra. Emmanuel u Zoe kienu hbieb tal-iskola u kienu baqghu hbieb ghalkemm ahna konna gejna lura Malta. Sibyel kienet ghamlet xenata kbira minhabba din it-telefonata u kienet tal-fehma illi Emmanuel ma setghax ikollu l-hbieb tieghu issa li kien gharus lilha.*

*Emmanuel minn dejjem kellu hafna hbieb. Kien popolari hafna, u kellu cirku ta' hbieb kemm tfajliet kif ukoll guvintur. Kien jilghab il-futbol ma' Tarxien Rainbows u ghalhekk kien jittrenja ta' spiss. Kif beda johrog ma' Sibyel, ma baqghax jittrenja, ma baqghax jilghab il-futboll, u ma baqghax johrog mal-hbieb. Hija tbiddel kompletament. Minn persuna estroverta kien bilkemm jitkellem. Fejn qabel kien jiftah qalbu mieghi fuq kollox, kien spicca biex naqqas hafna mill-kliem. Fejn is-soltu konna nqattghu daqxejn hin flimkien, bilkemm kont qed narah, u meta kien ikun id-dar kien jitkellem mill-anqas.*

*Meta qalli li kien se jitgharras jien ma stajtx nemmen. Kemm kien ilu ma' Sibyel ma taghnix l-impressjoni illi kellu xi ntenzjoni jersaq ghaz-zwieg. Emmanuel kien ghadu zghir hafna u qatt ma kien stqarr mieghi illi kellu xi ntenzjoni jizzewweg fil-futur qarib. Qabel l-gherusija kont ippruvajt inkellmu biex jipposponi d-data tal-gherusija. Hija kien jidher indeciz hafna u mhux entuzjast fuq il-pass li kien qed jaghmel, izda xorta tgharras f'Dicembru tal-1997 kif jidher li kienet ippjanat Sibyel.*

*Meta kien ikun id-dar, Emmanuel gieli fetah qalbu mieghi. Kemm-il darba qalli illi Sibyel ma kenitx kuntenta illi hu*

*kien jahdem sieghat twal minhabba illi kien jahdem bhala ‘chef’ Kien bidel l-impjieg hafna drabi minn lukanda ghal ohra sakemm spicca jahdem go ‘restaurant’ f'Marsascala bl-isem ‘Timeo’ biex ikun izjed vicin ta' fejn kienet toqghod Sibyel. Kien jipprova jaghmel minn kollox sabiex jikkuntentaha.*

*Kien qalli ukoll illi Sibyel kienet taqbad mieghu ghall-fatt illi kien izghar minnha. Jidher illi dan il-fatt kien iddejjaqha hafna u spjegali illi lanqas lil ommha u missierha ma riedet tghid illi hu kien izghar minnha. Kienet tiksru quddiem in-nies u tghid illi hu ma kienx jaf jiehu decizjoni minhabba li kien ghadu zghir.*

*Wara ftit Ii ghamlu gharajjes Emmanuel u Sibyel ftehmu fuq d-data tat-tieg taghhom. Kif bdiet toqrob il-gurnata tat-tieg, Sibyel u l-genituri taghha bdew jaghmlu l-preparamenti ghat-tieg. Emmanuel kien dizappuntat hafna minhabba l-fatt illi hu xtaq illi siehbu Alexei ikun il-‘bestman’ tieghu u l-familja ta' Sibyel kien oggezzjonaw. Ghalhekk Emmanuel kellu jikkuntenta b'xi ziju ta' Sibyel bhala ‘bestman’ u lil Alexei kien ghamlu x-xhud tieghu. Emmanuel kien stqarr mieghi illi Sibyel u ommha u missierha ma kienu nvolvewh f’xejn f'dawn il-preparamenti, u ma kienu ikkonsultawh f’xejn. It-tieg gie organizzat minn missier u omm Sibyel kif riedu huma ezatt.*

*Wara t-tieg Emmanuel u Sibyel marru joqoghdu ma’ omm u missier Sibyel sakemm lestew il-‘flat’ taghhom. Sibyel kienet xtrat ‘flat’ ezatt taht ommha, u hi u Emmanuel kienu qed jippruvaw jirrangawh. Emmanuel kien ta' spiss igorr mieghi illi missier Sibyel kien il-hin kollu jindahal fix-xoghol Ii kienu qed jaghmlu fil-post taghhom, specjalment min kellhom iqabbdu bhala haddiema sabiex jiffrankaw xi ftit tal-flus. Fl-ahhar kien isir kollox kif kien jghid missier Sibyel.*

*Meta kienu waslu biex jmorru f’darhom, Emmanuel kien stqarr mieghi illi forsi issa hu u Sibyel kienu jghixu hajjithom ta' mizzewgin. Wara ftit gimghat kien jidher illi dan ma kienx se jkun il-kaz. L-indhil min-naha tal-genituri*

*ta' Sibyel ma naqasx. Emmanuel kien jitlaq ghax-xoghol u x'hin jigi lura kien isib id-dar nadif, il-hwejjeg mahsulin, is-sodda mifruxa. Ma setghu jaghmlu xejn wahedhom. Ma kienux qed jghixu ta' mizzewwgin.*

*Emmanuel stqarr mieghi illi kien jipprova jkellem lil Sibyel fuq dan il-fatt. Xi kultant kienet tammetti illi ommha u missierha kienu jindahlu ftit izzejjed, u xi kultant kienu jispiccaw jiggieldu. Darba minnhom ftehmu illi kellhom ibieghu l-post taghhom biex ma jkunx ezatt fejn omm u missier Sibyel. Emmanuel kien kuntent hafna b'din id-decizjoni izda wara ftit il-genituri ta' Sibyel thajru jbieghu l-'flat' taghhom ukoll u missier Sibyel issuggerixxa illi jixtru dar akbar kollha flimkien u jghixu flimkien. Emmanuel kien ipprova jispjega illi ma kienx jaqbel ma din l-idea izda kien kollu ghalxejn. Imbaghad Sibyel ghamlet konvenju fuq il-'flat' taghha minghajr il-kunsens ta' Emmanuel sabiex jinbiegh il-post.*

*Wara dan l-ahhar episodju sibt lil hija d-dar. Qalli illi Sibyel kienet qaltlu biex jitlaq ghaliex iz-zwieg taghhom kien tfarrak. Iz-zwieg taghhom tfarrak irremedjabilment wara biss ghaxar xhur. Emmanuel rega' gie jogghod maghna u wara ftit gimghat beda jderri. Kien rega' gej f'tieghu, kien jidher illi fl-ahhar rega' ha r-ruh. Jitkellem izjed u jghidilna minn x'hiex kien ghadda, beda johrog mal-hbieb u rega' beda jilghab il-futbol".*

**Alexei Aquilina** sostna permezz ta' affidavit ukoll illi:-

*"Jien ili naf lil Emmanuel Green mill-1995 meta t-tnejn konna nahdmu flimkien go stabiliment tal-McDonalds. Jien u Emmanuel konna nohorgu flimkien fl-istess klikka u konna sirna hbieb kbar, konna sirna qisna ahwa. Meta Emmanuel spicca minn McDonalds biex imur l-iskola tal-ITS u jien qbadt il-linja tal-Insurance xorta bqajna hbieb kbar u bqajna nohorgu flimkien, incemplu lil xulxin u nafdaw f'xulxin.*

*Emmanuel sar jaf lil Sibyel meta kien jahdem McDonald's, u wara ftit bdew johorgu flimkien. Emmanuel kien jidher kuntent ghall-ewwel izda wara ftit kien beda jiftah qalbu*

*mieghi u jghidli bil-problemi li kellu ma' Sibyel partikolarment bil-fatt illi kienet titrattah qisu tifel zghir u bil-fatt illi ommha u missierha kienu kontinwament jindahlu fid-decizjonijiet ta' Sibyel u fid-decizjonijiet taghhom.*

*Kien qalli wkoll illi kien sar jaf illi meta kienet marret 'weekend' Kemmuna ma' tax-xoghol kellha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra u meta staqsa lil Sibyel dwar dan, hi kienet cahdet kollox. Kien qalli illi kienet qaltlu illi thobbu u li min qallu b'dan kienet persuna giddieba u illi kienet tghir ghaliha. Emmanuel dak iz-zmien kien influwenzat facilment minn Sibyel u kien emminha.*

*Ghalkemm konna bqajna hbieb kbar, Emmanuel u jien ma bqajniex niltaqghu bhal qabel. Gieli konna ncemplu lil xulxin, izda kont rajt tibdil kbir f'Emmanuel. Minn persuna estroverta kien sar persuna riservata hafna, dejjem imhasseb, dejjem jidher qisu qed igorr piz kbir fuqu.*

*"Emmanuel tgharras u zzewweg f'qasir zmien. Emmanuel qalli biex noqghodlu xhud fit-tieg u jien accettajt. Wara li ssepara minn ma' Sibyel Emmanuel stqarr mieghi illi xtaq jaghmel lili l-'best man' izda missier Sibyel oggezzjona ghal din l-ghazla u minflok kellu jaghmel ziju ta' Sibyel il-'best man' tieghu.*

*Wara s-separazzjoni ta' Emmanuel u Sibyel, jien u Emmanuel ergajna bdejna niltaqghu izjed ta' spiss u ergajna hbieb kif konna qabel, it-tnejn nafdaw lil xulxin u nitkellmu fuq kollox. Illum ghalkemm Emmanuel ghandu tfajla ohra ma nqatghax minn ma' shabu".*

Fl-ahharnett **Ariane Camilleri** sostniet bl-affidavit taghha illi:-

*"Jien ili naf lil Emmanuel Green mill-1995 meta t-tnejn konna nahdmu flimkien go stabbiliment tal-McDonalds. Konna klikka ta' guvintur u tfajliet, nahdmu flimkien u gieli anke hrigna lkoll flimkien. F'kelma wahda konna sirna kollha qisna ahwa. Konna nitkellmu lkoll fuq kollox.*

*Meta Emmanuel beda johrog ma' Sibyel bired hafna minn maghna, ma baqghax jiltaqa' maghna u konna niltaqghu biss jekk jinzertalna xi 'shift' flimkien ix-xoghol. Bqajna xorta hbieb ghax tista' tghid il-maggoranza tal-klikka kellha 'partner', bid-differenza li ahna bqajna niltaqghu u xi kultant nohorgu flimkien waqt li Emmanuel inqata' hafna.*

*Jien f'kull grupp ta' hbieb li kelli u li ghandi, shabi dejjem rawni bhala persuna matura li jistghu jafdaw fija u dejjem avvicinawni u ddiskutejna flimkien il-problemi li jkollhom. Bhal kulhadd Emmanuel kien wiehed minnhom.*

*Meta Emmanuel beda johrog ma' Sibyel kollha kemm ahna rajna d-differenza fih ghax mhux l-ewwel darba li kellu tfajla u ma kien ikun hemm l-ebda bidla fih. Imma l-atteggjament tieghu maghna meta beda johrog ma' Sibyel inbidel. Sfortunatament kien rabba certa solitudni u ma kien jiftah qalbu ma' hadd lanqas mieghi li kien iqisni bhala ohtu.*

*Darba meta hu kien xoghol, xtaq jibghat xi haga lil Sibyel li dak iz-zmien kienet qed tahdem l-McDonalds ta' San Giljan u peress li jien kont sejra hemm talabni nehodhielha. Dakinhar kienet laqghatni bi fredezza kbira u staqsietni min jien. Jien ghidtilha li kont habiba ta' Emmanuel u li hu kien talabni naghmillu pjacir. Wara Emmanuel kien spjegali li Sibyel ma kienitx tieghu pjacir bil-fatt li hu kellu hafna hbieb, specjalment dawk femminili.*

*Meta kienet saret attivita` organizzata mid-ditta McDonalds ghall-'managers' f'Kemmuna, kien hemm ghajdut li Sibyel ma kienitx gabet ruhha sew. Kollha kemm ahna iddispjaciena ghal Emmanuel u bdejna naraw kif nistghu nsibu mod biex ngharrfuh biex joqghod attent.*

*Kont bqajt imbellha meta sirt naf li Emmanuel u Sibyel tgharrsu u fi ftit zmien izzewgu. Meta ssepara ma hadthiex bi kbira. Kien iddispjacieni hafna ghalih ghax ma kienx jisthoqqlu hekk. Rega' beda johrog u jiltaqa' ma' shabu u gieli meta kont inkun Paceville ma' shabi rajnih kemm-il darba. Kien rega' sar l-Emmanuel li kont naf. Issa avolja*

*ghandu tfajla ohra, xorta ma nqatghax minn ma' shabu u t-tfajla tieghu saret habiba taghna ukoll".*

## (B) PRINCIPJI LEGALI.

### (i) DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.

Illi l-**artikolu19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma' riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (vide **"Angela Spiteri nee Selvaggi vs Jseph Spiteri"** P.A. 4 ta Novembru 1994).

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li :-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita". (**Clagiovanni** –* **Forum 1990***, Vol I pt. 1 pg.72).*

Illi pero' kif inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:-

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conocienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richediedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio*

*volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda M.F***. **"Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cjoe:-

- *La piena avvertenza*

- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza" si riferisce alla sfera intellettiva, "il deliberato consenso " a quella volitiva." ……*

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita' affettiva ……… la maturita' di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)". (****Bersini F.*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale".** Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di gudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring". (**Viladrich , P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated "** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial; Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta Mejju 1990 **coram Bajada. Forum 2 (1991)** pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li:-

*"Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to*

*persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake "* ***(Bruno,*** 30 ta' Mejju 1986 **"Monitor ecclesiasticus LXII"** (1987) 542/543).

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr.Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000- Citaz. Nru.2443/97RCP).

**(ii) QERQ.**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra **("Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

**(III) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-FATTISPECIE TAL-KAZ.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla dubju li l-istess zewg partijiet kellhom il-kunsens taghhom vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq uhud, jekk mhux kollha mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u dan peress li fl-opinjoni tal-Qorti, l-ebda wahda mill-partjiet ma wriet, lanqas illum, li huma ghaddew minn din l-esperjenza qarsa li rrakkontaw fid-dettal, x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi jidher li r-relazzjoni tal-istess partijiet kienet dominata mill-karattru dominanti tal-attrici, u mill-indhil tal-genituri taghha, li ma hallew l-ebda spazju lill-koppja sabiex tkun tista' timmanuvra u mhux hekk biss izda jidher li l-partijiet rispettivi ma taw qatt cans lilhom infushom ghal dan. Dan qed jinghad peress li l-attrici mill-ewwel gurnata, u anke

qabel iz-zwieg iddettat it-*tempo* ta' kollox hija, fil-waqt li l-konvenut min-naha tieghu offra ftit wisq rezistenza ghal dan, u jidher li sa certu punt kien komdu ghalih hekk. Kien biss wara li l-hajja tieghu giet effetwata b'mod li nqata' minn kollox li huwa oggezzjona, u dan ghamlu billi accetta, bla ebda diffikulta' ta' xejn, li ma kien hemm xejn fiz-zwieg x'jigi salvat, ghaliex hassu bhlala prigunier.

Illi jidher li l-partijiet ma kellhom ebda pedament sod ghall-hajja mizzewga, zwieg li sar bla ebda pjan, bla ebda direzzjoni, u f'dan il-kuntest l-ghaggla zejda tal-partijiet sabiex jizzewgu hija misteru, u dan aktar u aktar dwar koppja li ma kellhiex fejn tmur toqghod waheda, u wkoll in vista tal-fatt li appena ghamlu sena mizzewgin.

Illi certament bir-ritmu kif imxew l-affarijiet, l-ossessjoni tal-attrici dwar li tlesti l-post li xtrat, u li dan il-fond ikun taghha, l-argumenti sa minn qabel iz-zwieg min izomm l-affarijiet jekk iz-zwieg ma jirnexxix, kollha juru li l-istess partijiet qatt ma kellhom lanqas il-minimu ta' idea li r-rabta taz-zwieg hija wahda permanenti u *'a life long committement".*

Illi huwa facli ghaz-zewg partijiet li jwahhlu f'xulxin, fil-genituri rispettivi tal-parti l-ohra, jew fil-pressjoni ta' xoghol, u l-hinijiet tax-xoghol ta' xulxin, u anke fuq il-karattru rispettiv taghhom, izda l-verita' hija wahda u cjoe' li hadd, u hadd ma sfurzahom jiehdu l-pass li hadu, u lanqas hadd ma iddetalhom il-passi u l-mod kif kellhom jiffaccjaw iz-zwieg u meta u kif kellhom jaghmlu l-istess ghaqda. Dan kollu kien decizjoni taghhom u taghhom biss, izda l-istess partijiet rispettivament, kemm flimkien u kemm wahedhom, ma riedu jbiddlu xejn minn kif kienu qed jghixu. B'dan li taw spazju ghal kollox, inkluz ix-xoghol, il-fond matriminonjali, l-aspetti finanzjarji taz-zwieg, ix-xewqat tal-genituri taghhom, il-hinijiet tax-xoghol taghhom, u kull haga materjali ohra, inkluzi hbieb, hlief li jistabbilixxu dik il-kunfidenza necessarja ta' bejniethom li twassalhom sabiex jghixu flimkien, bl-individwalita' taghhom mittiefsa, izda bhala familja wahda; raw u fl-istat ta' immatturita' gravi li kienu setghu jaraw biss sa mnehirhom, bil-konsegwenza li fil-mument tal-prova

ndunaw li hadd minnhom in verita’ ma kien dispost ghall-kuncett ta’ indossubilita’ u permanenza li l-istitut taz-zwieg necessarjament jirrikjedi, u kellhom kollox mibni fuq ir-ramel; f’dan l-aspett il-karattru tal-attrici, dominanti kif kienet, certament ma ghinx, kif lanqas ghenet l-attitudini tal-konvenut li kollox jibqa’ ghaddej.

Illi pero’ hawn il-Qorti ma hijiex qed taghmel semplici ezami tal-karattri rispettivi tal-partijiet, hekk kif almenu gew esposti quddiemha f’din il-kawza, u lanqas qed tirrisolvi din il-pendenza fuq semplici kaz ta’ mmaturita’ tal-partijiet rispettivi, ghaliex il-problema hija hafna akbar, u tikkonsisti fil-fatt li z-zewg partijiet fil-mument taz-zwieg kien inkapaci li jaghtu l-kunsens validu taghhom ghaz-zwieg, peress li kienu nkapaci li jifhmu l-kuntest tal-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess, tant li l-element ta’ *communal love and life* kien kompletament assenti minn kull wiehed u wahda minnhom, anzi fl-isfond tax-xhieda taghhom, il-Qorti thoss li bil-mod kif imxew bejniethom u ma’ ta’ madwarhom, kienu f’dak il-mument inkapaci konsenswalment li jaslu ghall-istess kunsens u koncepiment idoneju taz-zwieg, u ghalhekk abbazi tal-premess it-talba tal-partijiet, kemm fic-citazzjoni attrici u kemm fil-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255.**

Illi din il-Qorti kif preseduta kellha okkazjoni tistudja is-**sub-inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255** fis-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (P.A. (RCP) 21 ta’ Ottubru 1999; Cit Nru 1564/97/RCP) u ghalhekk issir riferenza ghall-istess sentenza u l-konsiderazzjonijiet legali taghha.

Illi fis-sentenza **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhamed”** (P.A. (NA) – 27 ta’ Lulju 1999 - Cit Nru 3046/96/NA, 27.07.1999) il-Qorti qalet li l-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta’ x’inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, izda dawn gew definiti kemm mill-guristi kif ukoll fil-gurisprudenza nostrana. Il-Qorti sostniet:-

*"Fil-kawza **"Haiden vs Haiden"** (PAQC 7/7/94), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita` tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u d-drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komuniment wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta` taghna. Fost dawn, wiehed irid isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indissolubilita` taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien, intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi mill-provi processwali jirrizulta b'mod car illi f'dan il-kaz il-partijiet ma kienux konxji ta' x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, fuq kollox dan l-element kardinali tal-'*communio vitae*' li jirrizulta li kien eskluz da parti taz-zwieg tal-kontendenti u dan kif fuq premess.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c)** citat mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu ma hemm l-ebda prova li gie prattikat xi forma ta' qerq mill-attrici fuq il-konvenut dwar il-kwalitajiet taghha jew taht xi forma ohra u ghalhekk it-talba ghall-annullament taz-zwieg fuq din il-bazi qed tigi rigettata.

Illi ghalhekk it-talab attrici u l-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-**

**Kap 255,** u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu biss huma nkompatibbli ma' dak fuq premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici u t-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu,** b'dan li:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-23 ta' Mejju 1999 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

BI-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------